# IL-PRESIDENT SPITERI DEBONO ŻŻUR LIL HERITAGE MALTA U MALTABIENNALE.ART

**Stqarrija| 13 ta' Mejju 2024**

Nhar il-Ħamis 2 ta' Mejju, l-Eċċellenza Tagħha Myriam Spiteri Debono, il-President ta' Malta, żaret l-Uffiċċju Prinċipali ta' Heritage Malta f'Bighi u l-maltabiennale.art f'Villa Portelli, fejn hemm numru ta' padiljuni nazzjonali, it-tnejn li huma fil-Kalkara.

Il-President ta' Malta ntlaqgħet miċ-Chairman ta' Heritage Malta u President tal-maltabiennale.art 2024, Mario Cutajar, mill-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, u l-ogħla membri tat-tim maniġerjali. Hija mbagħad iddawret mal-Laboratorji tal-Konservazzjoni tal-Pittura u tal-Ġebel, fejn ingħatat spjegazzjoni dwar ix-xogħlijiet ta' konservazzjoni li l-aġenzija għaddejja bihom bħalissa.

Il-President Spiteri Debono ħadet l-opportunità titkellem mal-ħaddiema minn diversi dipartimenti ta' Heritage Malta u, filwaqt li rringrazzjathom għall-ħidma tagħhom, faħħret is-sehem qawwi li l-ħaddiema qed jagħtu b'dedikazzjoni biex ikun imħares il-patrimonju tal-poplu Malti. Hija sostniet li fl-għoxrin sena li ilha mwaqqfa Heritage Malta rajna bidla qawwija fil-mod kif inħarsu lejn il-patrimonju tagħna u l-livell ta' apprezzament żdied ħafna.

Fit-tieni parti taż-żjara tagħha, il-President żaret Villa Portelli, fejn iltaqgħet ma' rappreżentanti tal-padiljuni nazzjonali tal-maltabiennale.art, fosthom dawk tal-Ukrajna, l-Italja, Spanja, u l-Polonja, li fissru lill-President il-kunċetti li qed jiġu diskussi fil-padiljuni rispettivi tagħhom kif ukoll ir-rispons inkoraġġanti mill-viżitaturi u l-interazzjoni tagħhom max-xogħlijiet esebiti.

Villa Portelli ġiet fdata f'idejn Heritage Malta s-sena li għaddiet. Huwa ppjanat li fiha jkun hemm ċentru ta' riċerka u taħriġ dwar il-patrimonju Malti, fost affarijiet oħra.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta